# It-Tifsira tal-Kelma ta' Alla fl-Episodju tad-Dixxipli ta' Għemmaws

Fr Martin Micallef OFMCap

L-awtur studja l-Iskrittura fl-Università ta' Oxford, l-Ingilterra. Bħalissa hu *lecturer* fl-Università ta' Malta u editur ta' *Kliem il-Ħajja*.

Kull min jiftakar iż-żmien ta' qabel il-Konċilju Vatikan II jista' japprezza t-tibdil li ġab miegħu dan l-avveniment kbir fil-ħajja tal-Knisja, b'mod speċjali fil-mod kif kienet tiġi ċċelebrata l-Liturġija tal-Kelma. B'Liturġija tal-Kelma qed nifhmu l-espressjoni komuni fil-lingwaġġ tal-Knisja li tirreferi għall-ewwel parti tal-quddiesa magħmula "mil-lezzjonijiet bibliċi u dak li jiġi bejniethom ... l-omelija, il-Kredu, u t-talba universali jew talba tal-ġemgħa."[1] Il-*Liturġija tal-Kelma* hija marbuta mal-*Liturġija Ewkaristika*[2] b'mod illi bejniethom dawn jagħmlu azzjoni waħda ta' qima.[3]

F'dan l-artiklu ser naraw kif din l-għaqda bejn dawn "iż-żewġ imwejjed"[4] hija riflessa fl-episodju li nsibuh fl-Evanġelju skond San Luqa 24:13-35, għalkemm fl-Evanġelju skond San Mark insibu verżjoni simili qasira ħafna (Mk 16:12-13). Mhuwiex l-għan tagħna li nagħmlu eseġesi sħiħa ta' dan ir-rakkont.[5] Ser nisiltu biss xi ħsibijiet li jistgħu jgħinuna nirriflettu aktar fuq il-valur tal-Kelma ta' Alla f'rabta ma' l-Ewkaristija fil-ħajja tagħna bħala dixxipli tal-Mulej Ġesù.

**Minn Ġerusalemm għal Għemmaws**

L-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws jiftaħ fuq nota kronoloġika: "Dak in-nhar stess ġara" (Lq 24:13). Din hija referenza għall-episodju ta' qabel meta "kmieni mas-sebħ ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa" (v.1) – il-jum tal-Ħadd – xi nisa marru ħdejn il-qabar ta' Ġesù u sabuh vojt. Fil-kuntest li fih jiġi rrakkuntat l-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws, ir-referenza għall-jum tal-Ħadd tikseb valur teoloġiku, kif nistgħu naraw fl-Atti ta' l-Appostli. F'din it-tieni kitba ta' San Luqa, il-jum tal-Ħadd jissemma bħala jum li fih l-ewlenin insara kienu "jinġabru flimkien" għall-"qsim tal-ħobż" (Atti 20:7).

San Luqa jinfurmana li wieħed miż-żewġ dixxipli kien jismu Kleofa (Lq 24:18) u l-ieħor jibqa' anonimu. Il-fatt li l-Evanġelista ma jispeċifikax l-isem ta' dan id-dixxiplu wassal għal bosta spekulazzjonijiet, fosthom li d-dixxiplu l-ieħor kienet il-mara ta' Kleofa jew iben Kleofa.[6] Żgur li l-personaġġi anonimi għandhom valur kbir fin-narrattiva ta' l-Evanġelju.[7] Permezz tagħhom il-qarrej jista' jassimila l-ħajja tiegħu ma' dik ta' dawn il-personaġġi bla isem. Ma' Kleofa, mela, nistgħu ninkludu l-ħajja tagħna riflessa f'din l-ewwel mixja minn Ġerusalemm għal Għemmaws b'distanza ta' "xi sittin stadju" (v.13).[8]

Fi triqthom lejn Għemmaws, dawn iż-żewġ dixxipli kienu qed "jitħaddtu bejniethom fuq kull ma ġara" (v.14). Il-verb "jitħaddtu"

[1] *Missale Romanum*, n. 33

[2] Għat-taqsimiet tal-*Liturġija Ewkaristika* ara *Missale Romanum*, n. 48.

[3] *Missale Romanum*, n. 8; *Sacrosanctum Concilium* n. 56; ara wkoll A.M. Triacca, "Valore Teologico della 'Liturgia della Parola'", *Rivista Liturgica* 73/5 (1986) 616-632.

[4] Din hi l-espressjoni li juża Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium* n. 56. Ara wkoll *Missale Romanum*, n. 34.

[5] Ara D. McBride, *Emmaus, The Gracious Visit of God According to Luke*, Dublin 1997, 121-162.

[6] Ara B. M. Metzger, *A Textual Commentary on the Greek New Testament*, London 1971, 185.

[7] Ara David. R. Beck, *The Discipleship Paradigm, Reader and Anonymous Characters in the Fourth Gospel*, Leiden 1997.

[8] 60 stadju hu ekwivalenti għal madwar 7 mili. Ara J. Reiling – J. L. Swellingrebel, *A Handbook on the Gospel of Luke* (= United Bible Society Handbook Series), New York 1971, 748.

bil-Grieg huwa *homilein* u jfisser li tkun f'konversazzjoni ma' xi ħadd.[9] San Luqa jagħti importanza kbira lil din il-konversazzjoni billi jdaħħal lil Ġesù wkoll li "resaq lejhom u baqa' miexi magħhom" (v.15) waqt li huma kienu qed "jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom fuq kull ma kien ġara" (v.14).

It-tifsira ta' din l-aħħar frażi jagħtuhielna dawn iż-żewġ dixxipli stess meta Ġesù jistaqsihom fuq xhiex kienu qed jitkellmu. Huma weġbuh: "Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh. Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja! Issa wkoll xi wħud min-nisa ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj" (vv. 19-23).

Tajjeb ninnutaw hawn l-aspett ta' diżappunt fil-kliem ta' dawn iż-żewġ dixxipli wara li huma kienu raw x'kien ġara minn Ġesù: "Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael, *iżda ...*" (v.21). Dan l-aspett ta' diżappunt San Luqa jispjegah ukoll meta jgħidilna kif "huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom" (v.17).

*Bħal dawn id-dixxipli wkoll ħafna drabi nidħlu għal din iċ-ċelebrazzjoni mtaqqlin b'tant diżappunti tal-ħajja.*

Bħal dawn iż-żewġ dixxipli ħafna drabi f'"Jum il-Ħadd" aħna wkoll nagħmlu dan l-ewwel vjaġġ minn Ġerusalemm għal Għemmaws billi mmorru niċċelebraw l-Ewkaristija. Bħal dawn id-dixxipli wkoll ħafna drabi nidħlu għal din iċ-ċelebrazzjoni mtaqqlin b'tant diżappunti tal-ħajja. Bħal Kleofa u d-dixxiplu l-ieħor aħna wkoll ħafna drabi nistgħu ngħidu li "konna nittamaw ..." li Ġesù "kellu jifdi" lill-ħajja tagħna. Imma hawn jidher id-diżappunt tagħna rifless fil-kelma "iżda" użata wkoll minn dawn id-dixxipli. Din il-kelma tikxef id-diżappunt tagħna wkoll minħabba li dan l-ewwel vjaġġ faċilment isibna fis-sitwazzjoni ta' dawn id-dixxipli, sitwazzjoni li fiha *naħsbu li Ġesù huwa mejjet.*

It-tieni ħaġa li rridu ninnutaw f'din it-tweġiba tad-dixxipli huwa l-mod kif dawn jirrakkuntaw l-esperjenza tagħhom meta kienu għadhom ma' Ġesù. Dan iż-żmien għenhom jagħrfu kemm il-Kelma ta' Ġesù kienet Kelma tassew qawwija. Hekk jidher mill-espressjoni li dawn jużaw meta jgħidu li Ġesù "kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem" (v.19). L-użu tal-verb fil-passat hawn "kien ..." u mhux fil-preżent "hu ..." jindika li din l-esperjenza ta' dawn id-dixxipli kienet *spiċċat għal kollox*. Din hija l-problema ta' tant dixxipli ta' Ġesù llum ukoll. Għalihom Ġesù "kien" [passat] u mhux "hu" [preżent]. F'kelma oħra, Ġesù hu xi ħadd tal-passat li forsi xi darba ħassew il-qawwa tal-Kelma tiegħu, imma llum m'għadux aktar preżenti fil-ħajja tagħhom. Għalihom, bħal dawn iż-żewġ dixxipli, *Ġesù huwa mejjet!*

It-tielet punt li joħroġ mill-kliem ta' dawn iż-żewġ dixxipli fi triqthom lejn Għemmaws hu l-fatt li minkejja l-aħbar tan-nisa "li hu [Ġesù]

[9] Għall-użu ta' dan il-verb ara Lq 20:11; 24:26.

kien ħaj" (v.23) huma kienu għadhom ma emmnux din l-aħbar. Din hija parti mill-ironija li San Luqa joħloq minn dawn id-dettalji. L-Evanġelista jurina li Ġesù mhux biss huwa ħaj, imma wkoll issa kien miexi ma' dawn id-dixxipli f'din it-triq twila minn Ġerusalemm għal Għemmaws. L-aspett ta' ironija jkompli joħroġ mill-fatt li għalkemm id-dixxipli jindirizzaw lil Ġesù bħala "barrani li ma jafx [x'ġara]" (v.18), fil-verità kienu dawn iż-żewġ dixxipli li ma kinux jafu min hu dak li kien miexi magħhom! Il-problema tagħhom kienet li "għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh" (v.16).

*L-aspett ta' ironija jkompli joħroġ mill-fatt li għalkemm id-dixxipli jindirizzaw lil Ġesù bħala "barrani li ma jafx [x'ġara]" (v.18), fil-verità kienu dawn iż-żewġ dixxipli li ma kinux jafu min hu dak li kien miexi magħhom!*

Huma bosta dawk li nnutaw il-paralleliżmu bejn din l-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws u dik tal-*laqgħa ta' Filippu ma' l-uffiċjal mill-Etijopja*, żewġ stejjer li nsibu fil-kitbiet ta' San Luqa.[10] L-uffiċjal mill-Etijopja wkoll bħad-dixxipli ta' Għemmaws, kien ħiereġ minn Ġerusalemm. Huwa kien qed jaqra' l-ktieb tal-profeta Isaija meta Filippu staqsieh: "'Dan li qed taqra qiegħed tifhmu?' Dak wieġbu: 'Kif nista' nifhem jekk xi ħadd ma jurinix?'" (Atti 8:30-31).

Din hija l-istess sitwazzjoni tad-dixxipli ta' Għemmaws li għajnejhom kellhom xi jżommhom milli jagħrfu lil Ġesù kemm bħala persuna kif ukoll mit-tifsira tal-Kelma ta' Alla. Bħal Ġesù fit-triq lejn Għemmaws, Filippu wkoll jispjega l-Iskrittura lil dan l-uffiċċjal u jurih kif din titkellem fuq Ġesù li kellu jbati: "Imbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura jxandarlu l-Evanġelju ta' Ġesù" (Atti 8:35). Kif imbagħad Ġesù fl-aħħar tar-rakkont ta' Għemmaws jgħib minn quddiem id-dixxipli, hekk ukoll Filippu jgħib minn quddiem għajnejn dan l-uffiċjal mill-Etijopja (v.39).

### Il-Liġi u l-l-Profeti

Wara li Ġesù – li f'għajnejn dawn iż-żewġ dixxipli deher bħala "barrani" – ħalliehom jgħidu dak li kienu qed iħossu, huwa jieħu r-riedni f'idejh billi jgħidilhom: "'Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?' U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissirhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (Lq 24:25).

Immaġinaw: seba' mili ta' mixi li matulhom Ġesù jitkellem fuqu nnifsu mill-Iskrittura! Żgur li din kienet l-isbaħ spjegazzjoni ta' l-Iskrittura u l-aqwa eseġesi li qatt saret mill-"eseġeta tal-Missier" kif isejjaħ lil Ġesù r-Raba' Evanġelista fid-Daħla ta' l-Evanġelju (Ġw 1:18).

Tajjeb li nagħtu importanza lill-espressjoni li juża San Luqa fil-vers 27 meta jgħidilna li Ġesù "beda minn Mosè u l-Profeti", espressjoni li tirreferi għaż-żewġ taqsimiet ta' dak li aħna l-insara llum insejħulu 't-Testment il-Qadim.'[11] Aktar tard, l-Evanġelista jinkludi wkoll it-tielet taqsima, "is-Salmi" (v.44).[12] Hawnhekk m'għandniex referenza speċifika bħalma nsibu, per eżempju, f'Lq 4:17 għal Ġesù li qara direttament mill-ktieb ta' l-Iskrittura fis-sinagoga ta' Nazaret. B'danakollu, nistgħu nissoponu li f'din it-taħdita mad-dixxipli ta'

[10] Fuq dan ara MICHAEL D. GOUDER, *Luke, A New Paridgm* (= Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 20), Sheffield 1994, 787.

[11] Ara Lq 16:31; Atti 26:22; 28:23. Ara wkoll Mt 11:13; Ġw 1:45. Jidher li l-Knisja tal-Bidu kellha bżonn issaħħaħ ix-xhieda tagħha dwar il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù permezz ta' l-Iskrittura [it-Testment il-Qadim]. Hekk, per eżempju, jagħmel Pietru fil-priedka li ta fil-Portiku ta' Salamun, u fid-dar ta' Kornelju. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet, Pietru juri kif dak li Ġesù għadda minnu kien imħabbar minn qabel mill-"profeti kollha" (Atti 3:18.21.24; 10:43).

[12] Ara I. HOWARD MARSHALL, *The Gospel of Luke* (= The New International Greek Testament Commentary), Grand Rapids/ MI 1978, 905.

Għemmaws, Ġesù jikkwota u jfisser bosta siltiet mill-Iskrittura biex jitkellem fuq kif din il-Kitba titkellem fuqu. Hekk timplika l-espressjoni "u beda minn *Mosè u l-Profeti* kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (v.27).[13]

L-espressjoni "Mosè u l-Profeti" nsibuha wżata wkoll fil-parabbola ta' Lazzru l-fqir u r-raġel għani li jagħtina San Luqa. Meta r-raġel għani miet u sab ruħu fit-tbatijiet, huwa talab lil Abraham biex jibgħat lil Lazzru f'dar missieru biex iwissi lil ħutu l-oħra. It-tweġiba li jieħu hija: "Għandhom lil Mosè u l-Profeti: jisimgħu lilhom" (Lq 16:29). Din it-tweġiba mill-ġdid tirreferi għall-Iskrittura li wieħed ma jistax jagħlaq widnejh u qalbu għaliha.

San Luqa mill-ġdid jerġa' jagħmel użu mill-espressjoni "Mosè u l-Profeti" għalkemm b'varjazzjoni meta fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù jgħidilna li ma' Ġesù kien hemm "Mosè u Elija li dehru fil-glorja jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm" (Lq 9:30-31). Dawn iż-żewġ personaġġi kbar jirrappreżentaw it-taqsimiet tat-Testment il-Qadim. Mosè jirrappreżenta *l-Liġi* filwaqt li Elija jirrappreżenta *l-Profeti*. Id-dehra ta' Ġesù f'nofs dawn iż-żewġ figuri tat-Testment il-Qadim turi kif fi Kristu Ġesù il-"Liġi u l-Profeti" issa sabu "l-milja/it-twettiq" [bil-Grieg: *pleroo*] tagħhom.[14]

Dan il-punt joħroġ b'forza akbar meta niftakru kif fl-ispjega li Ġesù jagħti lid-dixxipli ta' Għemmaws huwa jfakkar li dawn iż-żewġ taqsimiet ta' l-Iskrittura juru kif il-Messija "kellu [bil-Grieg: *dei*] ibati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu" (Lq 24:26). Il-kelma "kellu" hija referenza għall-pjan ta' Alla fl-istorja tas-salvazzjoni.[15] B'versi mit-Testment il-Qadim, Ġesù wera kif dan kollu li l-Messija għadda minnu kien *it-twettiq* ta' dak li kien inkiteb fuqu fil-Liġi u l-Profeti skond l-istess pjan imfassal mill-Missier. F'kelma oħra, it-Testment il-Qadim seta' issa jiġi mfisser fid-dawl tal-ġrajjiet kollha li għadda minnhom il-Messija sakemm dan daħal "fil-glorja tiegħu" (v.26).[16]

L-istess ħaġa tiġri f'kull quddiesa li niċċelebraw meta matul il-Liturġija tal-Kelma, mill-proklamazzjoni tat-Testment il-Qadim ngħaddu għall-proklamazzjoni tat-Testment il-Ġdid, l-aktar ta' l-Evanġelju. L-għan ta' dan huwa biex naraw "it-tħabbira minn qabel li Alla għamel fil-milja taż-żminijiet fil-Persuna ta' Ibnu magħmul bniedem."[17] Eżempju sabiħ ta' dan hija l-*Omelija fuq l-Għid il-Kbir* ta' Melitone, Isqof ta' Sardi. F'din l-omelija antika, Melitone jara lil Kristu mħabbar fil-ġrajjiet ta' bosta personaġġi tat-Testment il-Qadim: "F'Abel ġie maqtul, f'Iżakk marbut bil-ħbula, f'Ġakobb kien qisu wieħed mikri, f'Ġużeppi ġie mibjugħ minn ħutu, f'Mosè abbandunat, fil-Ħaruf ta' l-Għid issagrifikat, f'David ippersegwitat, u fil-profeti mkasbar."[18]

Mela, jekk il-Kelma *miktuba* tista' titqies bħala oġġett ta' studju u riflessjoni personali, il-Kelma *ipproklamata* fil-Ġemgħa Liturġika hija Kelma Ħajja. Dan għaliex huwa f'dak il-waqt li l-Kelma toħroġ

[13] Il-verb "ifissrilhom" bil-Grieg hu *diermeneuto* u jixbah lill-verb l-ieħor *ermeneuo* – li nsibuh f'xi dokumenti – li jfisser "tit-traduċi" jew "tinterpreta" bħal f'1 Kor 12:30; 14,5; 13:27. Fuq dan ara M. MÜLLER, "The Reception of the Old Testament in Matthew and Luke-Acts: From Interpretation to Proof from Scripture", *Novum Testamentum* 43 (2001) 232-234.

[14] Għal diskussjoni fuq hekk ara JOSEPH A. FITZMYER, *The Gospel According to Luke I-IX* (= The Anchor Bible 28), New York 1981, 799-780.

[15] Ara Lq 2:49; 4:43; 13:14,33; 21:9; 22:37. B'referenza speċifika għat-tbatijiet tal-Messija ara Lq 9:22; 17:25; 24:7; Atti 17:3.

[16] Fuq dan l-argument ara JOSPEH A. FITZMYER, "The Use of the Old Testament in Luke-Acts", in *To Advance the Gospel, New Testament Studies*, Grand Rapids/MI 1998, 119-122.

[17] *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n.128.

[18] *The Anti-Nicene Fathers, Translations of the Writings of the Fathers Down to A.D. 325*, vol. viii, edited by A. Roberts – J. Donaldson, Edinburgh 1995, 754-755.

minn fomm Alla permezz ta' dawk li jkunu qed jipproklamawha u tasal fil-widnejn u fil-qalb ta' dawn li jkunu qed jisimgħuha. B'hekk il-frażi "f'dak iż-żmien" – *in illo tempore* – li biha ħafna drabi jibda l-qari ta' l-Evanġelju fil-quddiesa, issir "illum" – *hodie*.

*... il-frażi "f'dak iż-żmien" – in illo tempore – li biha ħafna drabi jibda l-qari ta' l-Evanġelju fil-quddiesa, issir "illum" – hodie.*

**Għarfuh fil-Qsim tal-Ħobż**

Mat-tmiem tal-vjaġġ minn Ġerusalemm għal Għemmaws, l-istorja tgħaddi għal fażi ġdida. San Luqa jgħidilna li "meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin, hu għamel ta' birruħu li kien ser jibqa' sejjer 'il bogħod" (v.28). Hawnhekk l-Evanġelista jagħtina t-talba li dawn iż-żewġ dixxipli jagħmlu lil Ġesù: "Ibqa' magħna għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm" (v.29).

Il-verb li juża' hawn San Luqa, "ġagħluh" [bil-Grieg: *parabiazomai* – bl-Ingliż: *to urge – prevailed upon him*][19] jibqa' magħhom jista' jfisser "forza" iżda f'Lq 24:29 bħal f'Atti 16:15 jidher li għandu tifsira ta' talba, imma talba b'insistenza.[20] Hekk nagħmlu aħna wkoll fil-quddiesa. Wara l-qari u l-ispjega tal-Kelma ta' Alla ngħaddu għat-Talb tal-Ġemgħa fejn it-talba tad-dixxipli ta' Għemmaws "Ibqa' magħna Mulej" issir it-talba "Ismagħna nitolbuk Mulej."

Din it-talba tippreparana għat-tieni parti tal-quddiesa: il-Liturġija Ewkaristika. Hekk ġara wkoll fl-episodju ta' dawn id-dixxipli meta fit-talba li jagħmlu lil Ġesù jagħtu wkoll ir-raġuni 'l għala huma talbu lil Ġesù jibqa' magħhom: "għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm" (v.29). Din ir-raġuni nistgħu nqisuha bħala l-eku ta' dak li naqraw f'Lq 9:12 meta qabel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż naqraw hekk: "il-jum kien wasal biex jintemm. Resqu lejh it-Tnax u qalulu: 'Ibgħathom lin-nies ħa jmorru fl-irħula u r-rziezet tal-qrib biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa."

Hekk kif din il-frażi – "il-jum kien wasal biex jintemm" – tipprepara l-qarrej għall-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, hekk ukoll issa din l-istess frażi f'Lq 24:29 tħejji lill-qarrej għal ikla oħra marbuta ma' dik tat-tkattir tal-ħobż kif ser naraw.[21] Fil-fatt, dawn iż-żewġ episodji jidher li għandhom rabta qawwija ma' l-Ewkaristija minħabba fl-użu tal-verbi li jintużaw biex jiddeskrivu l-għemil ta' Ġesù. Mhux biss, imma San Luqa jerġa' jagħmel użu minn dawn l-istess verbi f'ikla oħra: fl-aħħar ċena meta Ġesù waqqaf l-Ewkaristija. Dak in-nhar, naqraw kif Ġesù "qagħad fuq il-mejda flimkien ma' l-appostli, *ħa* l-ħobż, *radd il-ħajr, qal* il-barka *qasmu* u *tahom*" (22:14).

Hekk għamel ukoll Ġesù fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż meta wara li qiegħdu n-nies bilqiegħda, "*ħa* l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, *rafa'* għajnejh lejn is-sema, *berikhom* u *qasamhom* u *tahom* lid-dixxipli" (9:16). L-istess jiġri fl-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws meta Ġesù "waqt li kien fuq il-mejda magħhom, *ħa* l-ħobż, *qal* il-barka, *qasmu*, u *tahulhom*" (24:30). Għalkemm mhux l-istudjużi kollha ta' l-Iskrittura jaqblu fuq jekk ir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws għandux

[19] Ara wkoll Lq 16:16 fejn il-verb huwa *biazomai*.

[20] Ara BRENDEN BYRNE, *The Hospitality of God, A Reading of Luke's Gospel*, Collegeville/MN 2000, 189-190.

[21] Fuq it-tema ta' l-ikliet f'San Luqa ara JOHN PAUL HEIL, *The Meal Scenes in Luke-Acts, An Audience-Oriental Approach* (= The Society of Biblical Literature Monograph Series), Atlanta/GA 1999. Ara wkoll ARTHUR A. JUST, *The Ongoing Feast, Table Fellowship and Eschatology at Emmaus*, Collegeville/MN 1993.

konnotazzjonijiet Ewkaristiċi,[22] jidher li hemm paralleliżmu fin ħafna bejn dak li seħħ hawn ma' dak li seħħ fl-aħħar ċena u fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż.[23]

Wieħed mill-fatturi li seta' influwenza lil San Luqa biex joħloq dan il-paralleliżmu f'dawn l-episodji ta' ikliet huwa l-mod ta' kif l-ewlenin insara kienu jiċċelebraw il-qsim tal-ħobż fil-laqgħat tagħhom.[24] Hekk naqraw fl-Atti ta' l-Appostli fejn id-dixxipli "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2:42).[25]

Episodju ieħor li nsibu fit-tieni kitba ta' San Luqa jissuġġerixxi ukoll din l-iskeda li turi r-rabta qawwija li kien hemm bejn "it-tagħlim ta' l-Appostli" mal-"qsim tal-ħobż" fil-laqgħat ta' l-ewwel dixxipli. Hekk fl-Atti 20:7-12 l-awtur jagħtina deskrizzjoni oħra ta' waħda minn dawn il-laqgħat li sseħħ ukoll fil-jum tal-Ħadd, il-jum li fih kienet tiġi ċċelebrata r-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt. "Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż" (Atti 20:7). F'din il-laqgħa, l-appostlu Pawlu "qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofsillejl" (v.7). Fil-v.11 imbagħad naqraw: "[Pawlu] raġa' tela' fuq, *qasam* il-ħobż u *kiel;* u ssokta jitkellem magħhom sa ma sebaħ."[26]

Jidher li siltiet bħal dawn jiddeskrivu l-istruttura taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja tal-bidu fejn l-ewwel kien isir it-tagħlim ta' l-Appostli segwit mil-qsim tal-ħobż (l-ewkaristija) u t-talb.[27]

### Minn Għemmaws għal Ġerusalemm

X'kien ir-riżultat ta' dawn il-ġesti ta' Ġesù fid-dar tad-dixxipli ta' Għemmaws? Jgħidilna San Luqa: "Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom" (Lq 24:31). Dawk l-għajnejn li s'issa kienu magħluqin milli jagħrfu min hu dak li kien miexi magħhom issa nfetħu. Fit-test Grieg, il-forma grammatikali tal-verb "infetħulhom" hija fil-passiv li fil-Grieg Bibliku ħafna drabi jintuża biex juri xi azzjoni magħmula minn Alla stess. F'dan il-każ, mela, San Luqa qed juża l-forma passiva tal-verb – infetħulhom – biex igħidilna li kien Alla l-Imbierek stess li fetaħ għajnejn id-dixxipli biex issa setgħu jagħrfu li dak li qasam il-ħobż ma kien ħadd għajr Kristu Rxuxtat.

Kienet din il-ħaġa li wasslet lil dawn iż-żewġ dixxipli biex kollhom ferħana jistqarru: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" (v.22). Sabiħ ħafna dal-kliem mimli ferħ u entużjażmu ta' dawn id-dixxipli. It-tkebbis tal-qalb li minnu qed jitkellmu huwa marbut mas-smigħ tal-Kelma ta' Alla kif ħarġet minn fomm Ġesù stess meta fit-triq qagħad ifissrilhom kif din il-Kelma titkellem fuqu stess.

Kienet din il-Kelma li ħejjiethom u ħeġġetilhom qalbhom biex ineħħu minn għajnejhom dak li '"kellhom xi jżommhom milli jagħrfuh." U dak li kien qed itellifhom milli jagħmlu dan kien in-nuqqas ta' fidi

[22] Ara D. PETERSON, "The Worship of the New Community", in *Witness to the Gospel, The Theology of Acts,* edited by I. H. Marshall – D. Peterson, Grand Rapids/ MI 1988, 392-393.

[23] Fuq din ir-rabta bejn dawn iż-żewġ episodji ara J. GRASSI, "Emmaus Revisted (Luke 24:13-35 and Acts 8:26-40", in *Catholic Biblical Quarterly* 26 (1964) 467.

[24] Ara D. STANLEY, "Liturgical Influences on the Formation of the Four Gospels", in *Catholic Biblical Quarterly* 21 (1959) 24-38; ara wkoll R. ORLETT, "An Influence of the Early Liturgy Upon the Emmaus Account", in *Catholic Biblical Quarterly* 21 (1959) 212-219.

[25] Ara EUGENE LAVERDIERE, *Dining in the Kingdom of God, The Origins of the Eucharist in the Gospel of Luke,* Chicago 1994, 169-171.

[26] Fuq dan l-episodju u r-rabta tiegħu ma' l-Ewkaristija ara E. GALBIATI, *L'Eucharistia nella Bibbia,* Milano 1999, 170-171.

[27] Ara J. JEREMIAS, *The Eucharistic Words of Jesus,* London 1966, 118-125.

tagħhom f'dak li kienu qalulhom in-nisa meta "dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj" (v.23). Issa li kienu għarfu lil Ġesù fil-qsim tal-ħobż setgħu jerġgħu lura Ġerusalemm. Dan minkejja li "[kien] sar ħafna ħin u l-jum [kien] wasal biex jintemm" (v.29) u minkejja li kien hemm seba' mili oħra x'jimxu.

B'dan f'moħħna nistgħu napprezzaw kif l-espressjoni użata fil-bidu ta' dan ir-rakkont "dak in-nhar stess" (v.13) issa ssir "dak il-ħin stess" (v.33). F'kelma oħra kien hemm urġenza biex dan il-ferħ tad-dixxipli jgħadduh lill-oħrajn. Mela, jekk l-ewwel vjaġġ minn Ġerusalemm għal Għemmaws għamluh b'qalbhom "imnikkta" (v.17) mhux hekk nistgħu ngħidu għat-tieni vjaġġ fid-direzzjoni opposta: minn Għemmaws għal Ġerusalemm. Dan l-aħħar vjaġġ huwa mmarkat min-nota ta' ferħ u entużjażmu li Kristu Rxoxt kien ġab fil-ħajja ta' dawn iż-żewġ dixxipli.

*... l-espressjoni użata fil-bidu ta' dan ir-rakkont "dak in-nhar stess" (v.13) issa ssir "dak il-ħin stess" (v.33).*

Dan il-ferħ jispikka mill-ġdid fil-konklużjoni tar-rakkont meta Kleofa u l-ieħor/l-oħra jgħarrfu lill-Ħdax "x'kien ġralhom fit-triq, kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż" (v.35). Huma kienu għamlu esperjenza ta' Kristu Rxoxt permezz tal-kliem ta' Ġesù li kebbsilhom qalbhom u ippreparahom biex għajnejhom setgħu jinfetħu mal-ġest tal-qsim tal-ħobż biex b'hekk għarfuh mhux aktar bħala "barrani" imma bħala *il-Mulej*.

Hekk ukoll aħna jekk ħafna drabi nidħlu għall-quddiesa mtaqqlin u diżappuntati b'dak kollu li nkunu għaddejjin minnu, mhux hekk għandu jseħħ meta niġu biex nirritornaw id-dar. Dan ir-ritorn, irrappreżentat fit-tieni vjaġġ tad-dixxipli minn Għemmaws għal Ġerusalemm, għandu jkun ritorn ta' ferħ li fih wara li nkunu smajna l-Kelma mħabbra lilna, tlabna u qsamna l-ħobż, għajnejna għandhom jinfetħu biex inġorru magħna l-ferħ ta' din il-laqgħa ma' Kristu Rxoxt. Mhux biss, imma din l-esperjenza m'għandhiex tieqaf hawn. Minflok, bħal dawn id-dixxipli għandha tnibbet fina l-ħerqa li naqsmu ma' l-oħrajn din l-esperjenza li fiha nkunu għarafna lil Ġesù fil-Kelma tiegħu u fl-Ewkaristija.

**Konklużjoni**

L-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws jurina l-effett tal-Kelma ta' Alla mħabbra fuq dawk li jkunu disposti li jilqgħuha fil-qalb tagħhom. Kien l-atteġġjament ta' 'smigħ' min-naħa ta' dawn iż-żewġ dixxipli li wassal biex qalbhom titħeġġeġ. Li xi ħadd jieħu atteġġjament ta' smigħ ma jfissirx azzjoni passiva. Atteġġjament ta' smigħ pjuttost ifisser attenzjoni u impenn[28] kif juri dan l-episodju bibliku. Kien b'dan il-mod li d-dixxipli kollhom ferħana setgħu jirritornaw Ġerusalemm minkejja l-biża' li kien hemm f'din il-belt fil-qalb tad-dixxipli l-oħra, biex jagħtuhom l-aħbar li l-Mulej hu ħaj tassew.

B'dan f'moħħna nistgħu nifhmu għalhekk kif dan l-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws isir stedina għalina sabiex aħna wkoll nitgħallmu niftħu widnejna u qalbna beraħ għall-mod kif Ġesù stess ikun qed ikellimna fil-Kelma tiegħu, imxandra lilna fil-Liturġija tal-Kelma, liema Kelma ssir ħobż tassew fil-Liturġija Ewkaristika. ■

[28] *Sacrosanctum Concilium*, n.48.